MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Numru. 146/2006

PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY CASSAR
SPETTUR SHARON TANTI
VS
*I*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *I*, ta' *omissis* sena, iben *omissis*, imwieled *omissis* u residenti fl-indirizz *omissis*, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru *omissis,* u akkuzat talli f'Haz Zabbar, il-Kalkara, u bnadi ohrajn fil-Gzejjer Maltin, f'Jannar 2006 u matul is-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmenijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;
(a) ikkommetta diversi stupri vjolenti fuq *A* u *B*, it-tnejn minorenni, u dan bi ksur tal-Artikoli 198, 201(a), 202(b) u (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) b’eghmil zieni kkorrompa lil *A* u *B* u *C*, ilkoll minorenni, u dan bi ksur tal-Artikolu 203(a) u (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet fejn fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil *A*, *B* u *C*, kontra l-volonta’ taghhom, u dan bhala mezz sabiex jigu mgieghlha jaghmlu xi haga jew joqoghdu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom, u dan bi ksur tal-Artikoli 86 u 87(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Settembru 2006, fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, jirrizulta li fl-14 ta’ Frar 2006, Dr Joseph Agius Muscat kien informa lill-Pulizija illi l-konjugi *D* u *E* u t-tifla taghhom kienu marru ghandu peress illi *A* kienet qed tbati minn anzjeta’ akuta. Dr Agius Muscat, flimkien ma’ Dr Josianne Sammut ezaminaw u kellmu lit-tifla. Il-genituri taghha sabu li t-tifla kienet qed tallega li giet abbuzata sesswalment miz-ziju taghha. Dr Agius Muscat deherlu li l-kaz kien serju u nforma lill-Pulizija.

Illi in segwitu, il-Pulizija kellmet lill-familja *Z* fit-tul. Gara illi fil-lejl tat-13 ta’ Frar, *A* qabadha ‘hysterical fit’, u ommha marret tigri sabiex tindaga x’gara, u kien hemm li ***A* qaltilha bl-istorja ta’ l-abbuz sesswali b’penetrazzjoni anali da parti taz-ziju taghha (l-imputat), li sehh fuq perjodu twil ta’ snin, u cioe’ tmien snin. *A* qalet lil ommha li kellha suspett qawwi li tali abbuz kien qed isir ukoll fuq ohtha li kellha biss *omissis* sena.**

*A* nfurmat lil ommha illi waqt li l-imputat kien ikollu l-penetrazzjoni anali maghha, hija kienet tghidlu li qed iweggaghha izda dan kien jibqa’ ghaddej xorta wahda.

Mill-indagni tal-Pulizija, jirrizulta illi l-genituri tal-minuri kienu jahdmu fir-raba’, u kienu javdaw lit-tfal mal-familja *Y*, ghal perjodu konsiderevoli.

Il-minuri *B* nfurmat lill-Pulizija illi l-abbuz sesswali kien beda meta hija kienet **ghadha zghira, tant li ma tiftakarx ezatt meta beda**.

Iz-zewg minuri nfurmaw lill-Pulizija illi l-imputat kien dejjem javzahom sabiex tibqa’ mistura l-attivita’ li kienet issir bejniethom. Il-minuri *A* ddikjarat illi l-abbuz sesswali kien beda zgur qabel ma hija ghamlet il-Grizma, izda ma setghetx tiftakar jekk kienx beda anke qabel ma ghamlet il-Pracett. *A* infurmat lill-Pulizija li l-imputat kien igieghlha tara ‘blue films’, fejn imbaghad kien jipprattika maghha dak li jkun ra. ***A* xehdet illi gieli anke kient kostretta tmur tard l-iskola ghaliex zijuha kien imur id-dar tal-genituri taghha meta dawn ikunu diga’ hargu ghax-xoghol taghhom fir-raba’, u jgieghlha jkollha x’taqsam mieghu.**

*B* infurmat lill-Pulizija illi l-imputat kien igieghlha tircievi l-parti genitali tieghu oralment, kien ibusha u jisforza lsienu go halqha, kien johrogha “passiggati” u jabbuza minnha sesswalment go kamra abbandunata f’Hal Far. *B* nfurmat lill-Pulizija li fil-bidu kienet tirribella ghal dawn l-azzjonijiet u fl-ahhar kellha taccettahom ghaliex bezghet li l-genituri taghha jehduha kontra taghha.

*A* stqarret li anke meta kienet ghadha zghira hafna, l-imputat **kien igieghelhom jiehdu siesta, inezzaghhom gharwenin u kien jaqbad id il-minuri u jqeghdhom fuq il-genitali tieghu, u jimmasturba sakemm jegakula. *A* qalet illi tul tmien snin, l-imputat kien, bi frekwenza ta' aktar minn darba fil-gimgha, jippenetraha analment. Dan gieli gara anke fil-prezenza ta' ohtha.**

Illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li kellu x'jaqsam ma' *A* u *B* minn meta dawn kellhom tmien snin. Ammetta li l-minuri kienu jibzghu minnu u waqt il-penetrazzjoni anali kien iweggaghhom, pero' xorta kien jibqa' ghaddej. Ammetta illi kien jurihom 'blue films', li kien jabbuzahom sesswalment anke fil-prezenza ta' xulxin, u ammetta li t-tfal iz-zghar kienu jecitawh. Ammetta wkoll l-abbuz sesswali fuq *C*, kugina ta' *A*.

L-imputat, fl-istqarrija tieghu, ammetta li kien jikkostringi lil *B* tilqa' l-parti genitali tieghu f'halqha, u dak l-abbuz kien isir kemm fid-dar tieghu kif ukoll fid-dar tal-minuri.

Mix-xhieda tal-minuri *B*, jirrizulta illi l-abbuz sesswali fuqha **beda meta din kellha xi seba' snin ghaliex ma ghandhiex memorja ta' perjodu antecedenti**. *B* kkonfermat li l-abbuz kien isir bi frekwenza ta' tlett darbiet fil-gimgha **'meta jkollu cans'**.

L-imputat stqarr illi ddispjacieh minn dak li ghamel u li kien lest jiehu dak li haqqu (ara stqarrija a fol 19 et seq).

Ikkunsidrat:-

Illi l-imputat jinstab mixli primarjament taht l-Artikoli 198, 201, 202 u 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 198 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddeponi:

*'Kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa disa' snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha.'*

Issa, l-Artikolu 201(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddeponi:

*'201: L-istupru u kull attentat iehor ghall-pudur jitqies dejjem bhala vjolent –*
*(a) meta jsir fuq persuna taht l-eta' ta' tnax-il sena.'*

Illi di piu', l-Artikolu 202(b) u (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddeponi:

'*202: Il-piena stabbilita' ghad-delitti msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, tizdied bi grad f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*
*(b) meta d-delitt isir minn axxendent, tutur, jew istitur fuq persuni taht l-eta' ta' tmintax-il sena;*
*(g) jekk il-persuna li fuqha jsir l-istupru ma tkunx ghalqet l-eta' ta' disa' snin.'*

L-imputat jinstab ukoll mixli b'korruzzjoni ta' minorenni, ai termini ta' l-Artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

*'203(1):*
*Kull min b'eghmil zieni jikkorrompi persuna taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha; izda l-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn tlett snin sa sitt snin bir-rekluzjoni jew minghajrha, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*
*(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena jew inkella bi vjolenza;*
*(b) jekk id-delitt isir bit-theddid jew b'qerq;*
*(c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew minn missier jew l-omm addottiv, jew minn tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun giet fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha.'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, ikkonfermat:

*‘As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.’*

Imbaghad fis-sentenza Pulizija versus Andrew Bonnici, deciza fit-23 ta’ Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*‘Tifel ta’ appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga’ jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta’ dak li jkun, u altru impozizzjoni ta’ sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f’integrita’ morali tal-minorenni.’*

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta pprovat illi l-atti li wettaq l-imputat, u cioe’ l-istupru repetut fuq it-tfal ta’ taht id-disa’ snin, l-masturbazzjoni kompleta, il-mess ta’ partijiet genitali tal-minuri, u l-felatio sfurzat, jikkostitwixxu per excellence, dak illi l-ligi tikkategorizza bhala ‘lewd acts’ jew atti di libidini’.

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza Pulizija versus Carmelo Spiteri deciza fl-20 ta’ Marzu 1989 mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

*‘Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta’ travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista’ jimmagina kif jista’ jigi ulterjorment korrott, u kazijiet*

*bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'*

Illi apparti l-ammissjoni bla riservi ta' l-imputat, din il-Qorti taghraf li dawn l-atti saru fuq zewgt ibniet ta' eta' meta wiehed lanqas jista' biss jikkoncepixxi li setghu b'xi mod kienu minsusa minn xi attivita' sesswali addoloxxenti. Illi l-gravita' u l-estremita' ta' l-atti di libidini ta' l-imputat, sar ukoll fi hdan id-dar taghhom, anke sahansitra fuq is-sodda matrimonjali tal-genituri taghhom, minn membru tal-familja li kien igawdi fiducja ghamja u shiha mill-genituri taz-zewg minuri.

Illi l-eta' tenera tal-bniet ikkoncernati, l-entita' ta' l-abbuz, il-frekwenza u regolarita' ta' l-abbuz, u l-medda ta' tmien snin li fih twettaq, halla effett korruttiv, u daqshekk iehor distruttiv, b'tali mod li wiehed ma jibqaghlux hlief tama li dawn iz-zewgt ibniet jirnexxielhom, bl-ghajnuna ta' professjonisti u l-genituri taghhom, jimxu ghat-triq tar-rigenerazzjoni.

Illi ghal fini ta' piena, din il-Qorti ddeliberat fit-tul ghal dik il-piena xierqa u proporzjonata ghall-ghemil ta' l-imputat.

Illi ghal dan il-ghan, il-Qorti rat u ezaminat is-sentenza Pulizija vs A, deciza fit-23 t'Ottubru 2006, per Imhallef Caruana Demajo, fejn abbuz sesswali b'penetrazzjoni sehh fuq tul ta' seba' snin mill-missier addottiv.

Dik il-Qorti qalet testwalment hekk:

*'A nstab hati taht l-art. 203, li jahseb ghal piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha. Instab ukoll, izda, illi d-delitt kien aggravat taht il-para. (a) ghax sar bi hsara ta'*

*persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena, u taht il-para. (c) ghax sar mill-missier adottiv. Ghalhekk il-piena titla' ghal dik ta' prigunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha. Billi wkoll id-delitt sehh kemm-il darba, il-piena tista' tizdied bi grad jew zewg gradi, taht l-art. 18.*
***Ghalhekk il-piena ghandha tkun ta' prigunerija minn hames snin sa tnax-il sena, bir-rekluzjoni jew minghajrha.'***

Illi fil-kaz in ezami, il-Qorti qieset illi l-abbuz sesswali sehh mhux biss fuq minuri wiehed, **izda fuq tnejn**, u l-kwalita' ta' l-abbuz jaqa' **taht l-aghar forom ta' abbuz sesswali**. Dan l-abbuz, b'regolarita' u frekwenza ta' tlett darbiet fil-gimgha, fuq medda ta' tmien snin, b'penetrazzjoni anali u felatio sfuzat, **serqet it-tfulija** ta' dawn iz-zewgt ibniet, **farrket il-fiducja li kellhom fl-adulti, u minflok ghabbiethom b'inkubu li ser jaffettwahom probabilment tul hajjithom fir-relazzjoni ordinarja jew intima li ser ikollhom ma' terzi**.

Illi dan mhux kaz fejn din il-Qorti ghandha tkun klementi jew indulgenti, fejn ghandha taghti wisq piz ghall-fatt jekk l-imputat huwiex 'a first offender' jew le, u kemm kienet bikrija l-ammissjoni tieghu, aktar u aktar meta wiehed iqis illi l-imputat, in effett, gia' iggwadanja sentejn mill-piena massima minhabba l-ezigenzi tal-gurisdizzjoni tal-Qrati tal-Magistrati, li ma tippermettix ghotja ta' piena in eccess ta' ghaxar snin prigunerija.

Infatti, f'kaz simili ghal dan l-ezami, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fl-gharfien taghha, irriteniet:

***'Il-gravita' ta' l-abbuz tul medda ta' snin li huma reati li jkexkxu lis-socjeta' bl-aktar mod sever, u huwa minn dan l-agir u komportament li l-Qorti trid tipprotegi lic-cittadini dghajjfa u vulnerabbli ta' din is-socjeta' biex ma jkunx hemm repetizzjoni ta' reat simili.' (ibid Pul vs A, Qorti tal-Appell Krim, deciza fit-23 t'Ottubru 2006 per Imhallef G. Caruana Demajo).***
***F'dan il-kaz, dik il-Qorti tat kundanna ta' ghaxar snin prigunerija.***

Illi ghal dawn il-motivi, u fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 18, 86, 87(g), 198, 201(a), 202(b)(g), 203(a)(c), 31, 17b, 20 u 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal ghaxar snin prigunerija li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel f'arrest preventiv.

In oltre, il-Qorti tirreferi z-zewg minuri ghall-professjonisti fi hdan l-Appogg, sabiex l-istess minuri jigu moghtija dik it-terapija mehtiega ghar-rigenerazzjoni taghhom.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur ta' l-Appogg.

Illi ghall-protezzjoni biss tal-minuri, din il-Qorti tordna li l-ismijiet tal-minuri u ta' l-imputat ma jigux imxandra fuq il-mezzi tax-xandir.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------